# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 1351

KAZ NRU. 1516

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Josephine Aquilina

u

L-Ambaxxata ta' Franza f'Malta u l-Gvern ta' Franza kif rapprezentat mill-Ambaxxatur ta' Franza f'Malta.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

l-Erbgha 13 ta' Novembru 2002

**Chairman: Is-sur Carmel Debono**

1. Introduzzjoni.

Din il-kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali permezz ta' ittra datata 22 ta' Frar 2001 Ref. MSP/TI/15/2001 biex tigi pprocessata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligi.

It-Tribunal zamm tlettax (13) il-seduta.

L-appellanta s-Sinjura Josephine Aquilina kienet assistita mill-Avukat Richard Camilleri LL.D.

L-Ambaxxata ta' Franza kienet rapprezentata mill-Eccellenza tieghu l-Ambaxxatur ta' Franza Didier Destremau u ghall-Ambaxxata deher l-Avukat Joseph Zammit LL.D.

2. Preliminari.

Fl-ewwel seduta tqajjem il-punt ta' eccezzjoni jekk it-Tribunal Industrijali kellux il-gurisdizzjoni li jittratta mill-kwistjoni peress li kienet imdahhla l-Ambaxxata ta' Franza.

Fit-tieni seduta saret trattazzjoni mill-partijiet fuq dan il-punt wara li l-appellanta ottjeniet u pproduciet komunikazzjoni datata 9 ta' April 2001 minn ghand Christiane Gros tad-Dipartiment Diplomatiku ta' Franza lil Josephine Aquilina, liberament tradott ghall-ingliz mill-Avukat Richard Camilleri fejn fiha gie dikjarat li l-awtoritajiet Francizi jaqblu li fil-kaz ta' impjegati lokali dawn jaqaw taht il-gurisdizzjoni legali tal-lokali.

Fit-tielet seduta, l-Avukat Zammit informa lit-Tribunal u ddikjara li l-Ambaxxata ma kinitx se tinsisti fuq l-eccezzjoni preliminari u s-smiegh tal-kaz seta' jinstema'.

3. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:-

M'sieur Didier Destremau - L-Eccellenza tieghu l-Ambaxxatur ta' Franza ghal Malta
M'sieur Marc Villette – *First Secretary*
M'sieur Stephan Le Breck – *Vice-Counsellor*
Mrs Josephine Aquilina – L-Appellanta
Mrs Adriana Camilleri – eks-impjegata
Mrs Anne Lewis Loubignac – *Cultural Counsellor*

Gie msejjah biex jixhed ukoll is-sur Roberto Patruno, rapprezentant tas-Socjeta' *Rempec*, izda t-Tribunal iddecieda li x'xhieda tieghu ma kinitx relevanti ghall-kaz.

4. Dokumenti;

Il-partijiet fil-kwistjoni pprezentaw kopji ta' diversi dokumenti matul il-proceduri quddiem il-Tribunal.

5. Konsiderazzjonijiet.

Fis-sottomissjonijiet taghha l-appellanta kkontendiet li ghalkemm kellha kuntratti ta' l-impjieg ghal zmien specifikat hi ripetutament inzammet fl-impjieg wara d-data tat-tmiem u/jew reghhet giet impjegata fl-impjieg sakemm b'ittra tas-27 ta' Novembru 2000 l-impjieg taghha gie tterminat ghab-bazi li ma kienx sejjer jigi rinovat wara l-31 ta' Dicembru 2000.

Issottomettiet li dan kien imur kontra l-Artiklu 30 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet tal-impjieg (Kap 135) tal-Ligijiet ta' Malta, li hu l-ewwel Artiklu tat-Taqsima VIII tal-istess Att intitolat "Temm ta' kuntratti ta' Servizz"

Ziedet tghid illi konsegwentement l-impjieg taghha ma setghax skond il-Ligi jigi tterminat bl-gheluq taz-zmien specifikat izda biss skond il-kondizzjonijiet li jirregolaw kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu.

Ghaldaqstant irriteniet li ma kienx raguni tajba u sufficjenti ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha jew li kien hemm 'redundancy' u ghalhekk, it-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet tikkostitwixxi tkeccija ngusta .

Minn naha tal-parti appellata cioe' l-Ambaxxata, issottomettiet li l-appellanta kienet giet mgharfa bil-kitba datata 28 ta' Jannar 2000, li kien prolongament tal-kuntratt tal-1 ta' Jannar 1998 li ma kinitx sejra tinzamm fl-impjieg wara l-31 ta' Dicembru 2000 u li dan kienet tafu ghax iffirmatu.

L-Ambaxxata rriteniet li dan kien sewwa u regolari peress li kien temm ta' impjieg ghal zmien specifikat.

Barra minn hekk, il-parti appellata sostniet li dan it-temm ta' impjieg ta' l-appellanta kien necessarju minhabba ri-strutturazzjoni fl-amministrazzjoni tal-Ambaxxata peress li kien jehtigilha impjegati aktar kwalifikati biex jkopru bidliet fid-doveri u responsabbilitajiet tal-Ambaxxata. Dan fil-fatt irrizulta fil-holqien ta' post gdid fl-Ambaxxata ta' "Deputy Secretary General of the Cultural Services".

Il-kwistjoni odjerna tinvolvi allegazzjoni ta' temm ta' impjieg allegatament ingust skond l-appellanta waqt li l-parti appellata tirriteni li dan kien dovut ghal zewg fatturi, cioe' li dan it-temm tal-impjieg kien skond it-termini tal-ligi li jirrigwardaw temm ta' impjieg wara perjodu ta' zmien specifikat u ghal htiega ta' *restructuring* fl-amministrazzjoni tal-Ambaxxata.

Peress li l-kaz jinvolvi dawn iz-zewg fatturi, t-Tribunal irid l-ewwel jiddeciedi jekk it-temm ta' l-impjieg ta' l-appellanta kienx minhabba l-ewwel raguni; naturalment jekk dan jirrizulta, allura t-Tribunal ma jkunx jista' jiehu konjizzjoni tal-kaz.

Minn naha l-ohra, jekk dan fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultax ikun jinhtieglu jidhol fil-meriti tat-tieni raguni u jekk, tutto sommato, t-terminazzjoni tal-impjieg ta' l-appellanta kienx ghar-raguni gusta.

Minn naha tal-appellanta sostniet li l-applikazzjoni tal-proceduri dwar temm ta' impjieg ghal zmien specifikat kienet errata.

Ziedet l-appellanta tirrimarka li meta l-Artiklu relevanti gie diskuss fil-Parlament kien intqal li l-iskop ewlieni tieghu kien li ma jigix abbuzat l-ingagg ghal zmien specifikat ghas-skapitu tal-impjegati li jkunu gew irreklutati ghal zmien specifikat.

It-Tribunal jistqarr li ffaccjat minnu argumenti favur iz-zewg kontestazzjonijiet tal-partijiet, ma kienx facli li jasal ghal decizjoni ekwa minghajr kunsiderazzjoni profonda ta' l-implikazzjonijiet involuti.

Bir-rispett kollu t-Tribunal ihoss li ghandu l-inkarigu li jhares mill-lenti legali izda wkoll minn dik tal-gustizzja naturali li wara kollox l-istess ligi tesigi li ghandha tigi applikata biex issir gustizzja.

Ghandu ghalhekk it-Tribunal l-obligu li jifli l-argumenti sottomessi u jekk ikun hemm il-bzonn jikkjarifika u jinterpreta l-Ligi.

It-Tribunal jistqarr li kieku din il-kwistjoni tax-xoghol dwar it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellanta kien biss ghar-raguni ta' temm ta' impjieg governat minn zmien specifikat ukoll kien ikun difficli; ahseb u ara li skond il-parti appellata cioe' l-Ambaxxata kien ukoll dovut ghall-htiega ta' *restructuring* fl-amministrazzjoni ta' l-istess Ambaxxata.

Minhabba f'hekk it-Tribunal htieghlu jikkunsidra u jevalwa mhux biss it-terminazzjoni ta' l-impjieg wara zmien specifikat , izda wkoll kemm fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata r-raguni ta' *restructuring* f'dan il-kaz.

It-Tribunal ma jistax f'dawn ic-cirkostanzi jinjora t-termini tal-Ligi f'kazi ta' din ix-xorta izda jrid ukoll jikkonsidra u jevalwa l-kwadru kollu komplet; it-Tribunal jifhem li jrid ihares mhux biss lejn l-implikazzjonijiet strettament legali, izda wkoll lejn l-aspett u l-fatturi umani fejn u meta dawn jinvolvu l-impjegat izda wkoll id-dmir u d-drittijiet tal-partijiet involuti.

It-Tribunal isib li ma jista' jkun hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-appellanta kienet impjegata ta' l-Ambaxxata sa mill-1991 anke jekk l-origini tal-impjieg taghha kien ta' Librara/Segretarja fil-*French/Maltese Resource and Documentation Centre*.

Ma jidher li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar in-*notice* li nghatat l-appellanta dwar it-tmiem ta' l-impjieg taghha, anke jekk l-appellanta rriteniet li kienet accetat dan b'rizerva ta' protesta konfermata fl-iskambjar ta' korrispondenza bejn l-Avukat taghha u l-Ambaxxata, sew qabel il-31 ta' Dicembru 2000, l-ahhar jum ta' l-impjieg taghha ta' Segretarja fl-Ambaxxata.

Ghalkemm gie kkonfermat li l-appellanta ffirmat in-notifika tat-temm ta' l-impjieg taghha, it-Tribunal huwa ferm dubjuz kemm din tista' tittiehed bhala accettazzjoni tat-temm ta' l-impjieg minghajr protest meta skond il-minuti tat-Tribunal Industrijali tat-Tmien (8) seduta mizmuma l-11 ta' Jannar 2002 giet prezentata

kopja ta' ittra datata 13 ta' Novembru 2000 mibghuta lill-Ambaxxata Franciza mill-Avukat ta' l-appellanta li tindika il-kontestazzjoni ta' l-appellanta ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg taghha.

Barra minn hekk hemm ukoll referenza diretta ghal dan fit-traskrizzjoni – fol. 18 u 19 tan-Noti Addizzjonali ghas-Sottomissjonijiet Finali tal-Avukat li assista lill-appellanta fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2002.

Ghalkemm jidher ukoll li Mrs Adriana Camilleri mtella xhud mill-appellanta biex tikkollabora l-oppozizzjoni ta' l-appellanta ghal kuntratt ta' xoghol ghal zmien specifikat naqset li tipprovdi evidenza rekordjata ghall-oppozizzjoni taghha, xehdet li tant ma riditx taccetta l-proposti offruti li telqet l-impjieg taghha mal-Ambaxxata.

It-Tribunal f'dan l-istadju ma jistax jinjora d-dikjarazzjoni miktuba tal-Ambaxxata li l-appellanta kienet qdiet id-doveri taghha bhala Segretarja.

Fl'istess waqt it-Tribunal lanqas ma jista' jinjora l-argument tal-Ambaxxata li kien hemm il-htiega ta' "restructuring" fl-amministrazzjoni taghha u htiegilha tghamel dan billi t-temm l-impjieg tal-appellanta u tingagga *personnel* barranin, li kellhom kwalifiki oghla minn dawk ta' l-appellanta.

Fuq dan il-punt it-Tribunal jippreferi jesprimi ruhu aktar 'l-quddiem f'dawn il-kunsiderazzjonijiet.

Waqt li t-Tribunal Industrijali huwa d-difensur tal-Ligi, ma jista' qatt fil-fehma meqjusa tieghu jkun favur li l-applikazzjoni tal-Ligi sservi ta' *screen* jew paraventu biex titnaqqas u/jew tigi mwarrba l-ekwita u l-gustizzja lejn parti jew l-ohra.

It-Tribunal ma naqasx li jistudja u jikkunsidra b'reqqa d-Decizjoni Nru 465 tat-Tribunal Industrijali datat 20 ta' Novembru 1992, anke jekk il-partijiet fil-kaz odjern esprimew opinjonijiet diversi u konflingenti fuq l-applikazzjoni tal-Ligi fejn ikun involut it-temm tal-impjieg ghal zmien specifikat.

It-Tribunal ra u kkunsidra ukoll is-Sentenza tal-Abbli Imhallef Onor. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons) LL.D. mghotija fit-18 ta' April 1991 fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

F'dan ir-rigward it-Tribunal ma jidhirlux li ghandu jesprimi ruhu fuq dawn iz-zewg sentenzi ghax jifhem li dan la huwa necessarju u lanqas ma hu desiderabbli, aktar u aktar meta t-Tribunal ma ghandu l-ebda obbligu li jiddeciedi ghab-bazi ta' sentenzi u/jew decizjonijiet precedenti.

Jekk fil-fehma tal-Ambaxxata kien jidher li fuq bazi strettament legali kellha d-dritt preskritt li tittermina l-impjieg ta' l-appellanta meta skada l-impjieg taghha ghal zmien specifikat, it-Tribunal jistaqsi jekk din kinitx il-vera raguni li ghalieh gie

tterminat l-impjieg ta' l-appellanta u meta l-parti appellata dehrilha li tissottometti li kien hemm raguni ohra biex tittermina l-impjieg ta' l-appellanta ghab-bazi ta' htiega ta' *restructuring*.

Possibbli jistaqsi t-Tribunal li biex il-parti appellata, cioe' l-Ambaxxata timpjega *expatriates* kien jinhtiegilha tittermina l-impjieg ta' l-appellanta u biex issahhah dan l-argument tiddikjara li dan kien jirrikjedi l-abolizjoni tal-post ta' segretarja ghal-bidla fl-isem u doveri minn persuna bi kwalifiki oghla minn dawk ta' l-appellanta bil-probabbilita' jekk mhux certezza li din il-persuna tghamel il-mansjonijiet li kienet tghamel l-appellanta?

Intqal hafna diskors u t-Tribunal sema' diversi xhieda jiddikjaraw li l-iskop tar-*restructuring* kien biex isir tibdil ghal ahjar fl-amministrazzjoni u x-xoghol tal-Ambaxxata b'nies kwalifikati ahjar, pero' it-Tribunal ma jeskludix li seta' kien hemm raguni ohra ghal dan ir-*restructuring*.

It-Tribunal f'dan ir-rigward ma ghandu u ma jistax ikollu l-ebda oggezzjoni ghal titjib fl-amministrazzjoni ta' kull Socjeta' izda zgur ma ntqalx li kienet saret ghax l-appellanta ma kinitx fdata u kienet inkapaci li taqdi d-doveri taghha.

Kif jista' t-Tribunal jaqbel ma' terminazzjoni ta' impjieg wara tmien snin sottoposta ghall-kundizzjoni annwali ta' impjieg ghal zmien specifikat?

Wiehed jazzarda jghid li anke jekk dan sar jew isir ghall-ragunijiet ta' titjib fl-amministrazzjoni ta' azjenda xorta jkun meqjus bhala uzu hazin minn facilita' li qatt ma kienet intenzjonata li zzomm l-impjegat incert mill-impjieg tieghu ghal numru ta' snin.

Jekk semmaj is-Socjeta', f'dan il-kaz l-Ambaxxata riedet u/jew trid tesigi dan it-titjib, it-Tribunal hu tal-fehma li kellha u/jew ghandha tkun generuza meta tasal biex tillicenzja mpjegati li jkunu reklutati taht din il-kundizzjoni ta' impjieg ghal zmien specifikat.

Sewwa jistaqsi t-Tribunal li biex isir "restructuring" jintesa s-servizz passat u d-dedikazzjoni tal-persuna mkeccija wara hafna snin ta' servizz ghax jinstab u/jew jigi reklutat persuna ohra bi kwalifiki ahjar minghajr l-ebda rikonoxximent tangibbli ghajr dak li tipprovdi l-Ligi?

Fil-fehma tat-Tribunal "employer" li jzomm impjegati ghal snin shah suggetti ghat-Terminazzjoni ta' l-impjieg taht il-kundizzjoni ta' zmien specifikat, ma hu xejn aktar u anqas minn sfruttar tal-impjegati li tammonta ghal-ingustizzja.

F'dan ir-rigward it-Tribunal irid jghamilha cara li meta jinzammu impjegati imdendla fuq kuntratt ta' impjieg ghal zmien specifikat ghal snin shah, biex imbaghad l-impjieg jigi tterminat b'hafna drabi jekk mhux dejjem imsejha "raguni"

li dan ikun sar skond il-Ligi, bir-rizultat li l-impjegati jkunu gew sfruttati, ma huwiex accettabbli.

Din ma hijix xi dikjarazzjoni nnovattiva ghax kienet mistqarra miz-zewg nahat tal-kamra tad-Deputati meta dan il-punt tal-Ligi dwar l-impjiegi kien qieghed jigi diskuss fil-Parlament .

Ikun ghalhekk inutili ghall-"employer" jargumenta li jkun osserva l-Ligi dwar l-ingaggar ta' impjegati ghal zmien specifikat meta jabbuza minn din il-facilita' ghax l-abbuz jew l-applikazzjoni hazina tal-ligi tirrendi l-istess applikazzjoni ngusta.

Minn dak li sema' waqt is-smiegh tal-kaz, ampjament jidher li rrinovament jew prolongament tal-kundizzjoni ta' impjieg ghal zmien specifikat fil-kwistjoni odjerna kien f'diversi okkazzjonijiet deskritt bhala prolongament awtomatiku u kien biss fl-ahhar sentejn li sar b'certa formalita.

Ghalkemm huwa veru li meta l-appellanta fl-1991 giet impjegata bhala Librara/Segretarja mal-*French/Maltese Resource and Documentation Centre* giet kondizzjonata ghal kuntratt tax-xoghol li kien jispecifika li l-kuntratt kien jista' jigi estiz kull sena awtomatikament izda ma gie prodott l-ebda kopja ta' kuntratt shieh meta fl-1996 inghatat il-post ta' Segretarja ma l-*Cultural Attache* fl-Ambaxxata u kien biss fil-bidu tal-1998 li l-appellanta giet mgharfa li l-impjieg taghha kien ghal zmien specifikat li gie imgedded sa l-ahhar ta' Dicembru 2000.

F'dan ir-rigward it-Tribunal hu tal-fehma li kien hemm nuqqas mill-Ambaxxata fl-applikazzjoni tad-tigdid tal-impjieg ta' l-appellanta ghax dan ma jaqbilx mal-Artiklu 30 tal-Kap.135 tal-Ligi. Jekk, allura ma kienx hemm forma definita ta' kuntratt ta' l-impjieg, dan seta' jekk mhux attwalment irrenda l-impjieg ta' l-appellanta bhala wiehed ghal zmien indefinit u per konsegwenza kkawza l-kundizzjoni ta' l-impjieg ghal zmien specifiku fin-1998 irregolari.

<u>Nota Preliminari.</u>

Wara s-sottomissjonijiet finali u t-trattazzjoni verbali tal-partijiet, it-Tribunal ircieva talba bil-miktub mill-avukat li assista lill-appellanta biex jigu esebiti varji kopji ta' korrispondenza bejn l-avukat tal-appellant u l-Ambaxxata, li kienu gew skambjati qabel ma din il-kwistjoni tax-xoghol kienet giet riferita lit-Tribunal.

Peress li t-Tribunal Industrijali kien sodisfatt minn dak li kien gie pprezentat fl-*Istatements of Case* u matul il-proceduri quddiemu, kif ukoll mis-sottomissjonijiet u t-trattazzjoni tal-partijiet, it-Tribunal deherlu li ma kienx hemm ghal fejn jiehu kunjizzjoni tal-korrispondenza mitluba, apparti dak li kien ipprezentat u esebit ma' l-Istatements of Case tal-appellanta u tal-Ambaxxata.

Decizjoni.

It-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-I*statements of Case* tal-partijiet, ra, ezamina u kkunsidra d-dokumenti esebiti, ra u kkunsidra l-Artiklu 30 tal-Kap 135 tal-Ligi, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, sema', ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali kif ukoll is-sottomissjonijiet addizzjonali finali tal-partijiet.

Biex jasal ghad-Decizjoni tieghu, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati aktar 'il fuq, it-Tribunal ma naqasx li jikkunsidra b'certa reqqa l-aspetti kollha, nkluzi dawk provduti u koperti mill-Ligi kemm dawk li jirrigwardaw l-obligi u d-drittijiet Legali taht l-Artiklu 30 tal-Kap 135, kif ukoll ir-relevanza u l-applikazzjoni tal-gustizzja naturali koperta bl-Artiklu 31 tal-Kap 266 tal-Ligi.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jsib u jiddeciedi li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanta Josephine Aquilina ma tistax tigi meqjusa li kienet gusta.

Bhala rizultat it-Tribunal Industrjali jiddeciedi u jordna li l-appellanta Josephine Aquilina ghandha tithallas kumpens mill-Ambaxxata ta' Franza fis-somma ta' Elfejn Tletmija u Erbgha u Tletin Liri Maltin (Lm2334) u li dan il-kumpens ghandu jithallas fi zmien tletin (30) jum mid-data ta' din id-Decizjoni.

Ghall-fini ta' doveri li jithallsu t-Tribunal Industrijali, skond (AL48) qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mill-avukati li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

---------------------------------
Carmel Debono
Chairman